Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Awwissu 2022**
**(OR. en)**

**11798/22**

**SOC 465**
**EMPL 308**
**SAN 483**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sur Argo SOON membru għall-Estonja, minflok is-Sa Aija MAASIKAS, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Aija MAASIKAS bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-aġenzija msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions (għall-Estonja).

2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94, membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni tat-trade unions KETU nnominat lill-kandidata li ġejja għal din il-pożizzjoni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sur Argo SOON
The Estonian Trade Union Confederation
Laulupeo 24
Tallinn 10128
Estonia
email: argo.soon@eesti.ee

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA); u

(b) jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru tal-

Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

1. Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019[2], tas-6 ta' Ġunju 2019[3][4], u tat-8 ta' Lulju 2019[5], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.

2. Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Aija MAASIKAS, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions.

3. L-organizzazzjoni tat-trade unions KETU nnominat kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.
[2] ĠU C 135, 11.4.2019, p. 7.
[3] ĠU C 195, 11.6.2019, p. 4.
[4] ĠU L 156, 13.6.2019, p. 3.
[5] ĠU C 232, 10.7.2019, p. 4.

Artikolu 1

Is-Sur Argo SOON huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Aija MAASIKAS, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, nhar …

Għall-Kunsill
Il-President